# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar 2021**

**Talba Nru: 315/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Vodafone Malta Limited (C108665)**

**Vs**

**Adam Callus (K.I. Nru: 110391M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2019, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' disa' mija u sebgħa u għoxrin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€927.65), rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta'

telefonija ċellulari bil-kont numru 1.11028433. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri[1];

Ra d-dokumenti annessi ma l-Avviż tat-Talba, inkluż l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono.

Ra lill-konvenut debitament notifikat[2], naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu li trid il-liġi u li jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021[3];

Ra li fl-istess seduta, ġie ppreżentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut;

Ra li fis-seduta sussegwenti, l-konvenut reġa naqas milli jattendi u b'hekk il-kapitolu preċedentement ppreżentat ġie dikjarat bħala mistqarr[4];

Sema x-xhieda ta' Dr. Mariah Mula[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenut f'dawn il-proċeduri naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li kien waqa' fi stat ta' kontumaċja.

---

[1] A fol 1 *et seq*.
[2] Hekk kif indikat fit-timbru ta' notifika *a tergo* ta' fol 24.
[3] A fol 25.
[4] Seduta tat-8 ta' Frar 2021.
[5] A fol 29.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni.

Illi peró, apparti minn hekk, kif ukoll hawn fuq indikat, ġie preżentat kapitolu fil-konfront tal-istess konvenut, u stante nuqqas tal-konvenut li jidher sabiex iwieġeb, l-istess kapitolu ġie mistqarr bħala mistħoqq. B'hekk t-Tribunal għandu wkoll prova pożittiva kontra l-istess konvenut[6].

Illi madanakollu, t-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti, għaliex wara kollox, it-Tribunal huwa obbligat li janalizża l-ammissjoni flimkien ma' kull prova oħra[7].

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi, u kif ukoll minn Dr. Mariah Mula m'għandux jitwemmen, inkluż analiżi tad-dokument ppreżentat u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

---

6 Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia mizzewgin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

7 Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din listess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".*

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' disa' mija u sebgħa u għoxrin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€927.65), bl-imgħax legali mill-1 ta' Marzu 2018[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[8] Skond Dok. X1 anness mall-Avviż tat-Talba, din hija d-data li fiha l-ammont mitlub permezz ta' dawn il-proċeduri ġie internament dovut.